

Ittra ta' qabel l-għeluq għal ilment multiplu dwar ksur allegat tar-regoli tal-UE min-naħa tan-Netherlands dwar is-sajd bl-impulsi elettriċi - CHAP (2020)02862

Fl-2020 il-Kummissjoni Ewropea rċeviet għadd kbir ta' lmenti dwar ksur allegat min-naħa tan-Netherlands tar-regoli tal-UE dwar is-sajd. Dawn l-ilmenti kienu rreġistrati taħt ir-referenza CHAP(2020)02862.

Skont l-ilmentaturi, in-Netherlands naqsu milli jissodisfaw l-obbligi tagħhom skont ir-Regolament (UE) 2019/1241, b'mod partikolari dawk li jikkonċernaw l-użu ta' xbieki tat-tkarkir bl-impuls elettriku previst fl-Anness V, il-parti D u l-Artikolu 25 (1) (f) ta' dak ir-Regolament.

B'mod speċifiku, l-għadd ta' awtorizzazzjonijiet maħruġa min-Netherlands għall-użu ta' xbieki tat-tkarkir bl-impuls elettriku, jkun fil-fehma tal-ilmentaturi, qed jaqbeż il-limitu ta' 5 % tal-flotta tat-tkarkir bit-travu permessa bl-Anness V, il-Parti D tar-Regolament (UE) 2019/1241, peress li fil-fehma tagħhom, il-limitu ta' 5 % japplika għall-għadd ta' bastimenti mgħammra b'xibka tat-tkarkir bit-travu u fil-każ tal-flotta Netherlandiża tat-tkarkir bit-travu, dan ikun jikkorrispondi għal 15-il bastiment filwaqt li l-awtoritajiet Netherlandiżi haġġu 22 awtorizzazzjoni.

Skont l-informazzjoni disponibbli għall-Kummissjoni, l-Istat Membru kkonċernat stabbilixxa sistema li tiżgura li f'waqt partikolari, ma jkunx hemm aktar minn 15-il bastiment awtorizzati li joperaw bl-impulsi elettriċi, inkluż b'mod partikolari r-rekwiżit ta' monitoraġġ ta' 100 % tal-informazzjoni ERS (l-irkaptu tas-sajd għandu jiġi rreġistrat fil-ġurnal ta' abbord) u dan ir-rekwiżit addizzjonali jiġi stipulat fl-awtorizzazzjonijiet tas-sajd korrispondenti sabiex il-limitu ta' 5 % jkun irrissettat f'kull ħin. Il-bastimenti kkonċernati jgħorru tip wieħed biss ta' rkaptu abbord u jeħtieġ li t-tlugħ u l-inżul abbord tal-irkaptu bl-impulsi elettriċi mill-bastimenti kkonċernati jiġu notifikati kull darba lill-awtoritajiet nazzjonali. Jinġarr abbord il-bastimenti dokument li jagħti prova tal-awtorizzazzjoni biex isir sajd bl-impulsi elettriċi u huwa abbozzat bl-Ingliż biex jippermetti l-verifika mill-awtoritajiet ta' spezzjoni ta' Stati Membri oħra.

Din is-sistema ilha fis-seħħ minn Awwissu 2020. Rapporti dettaljati tal-kontrolli mwettqa fuq l-implimentazzjoni tagħha ġew ipprovduti mill-Istat Membru kkonċernat fl-aħħar ta' Diċembru 2020, li juru li hemm fis-seħħ miżuri ta' kontroll u monitoraġġ biex tiġi żgurata konformità sħiħa mar-rekwiżiti stabbiliti fir-Regolament (UE) 2019/1241 u mal-kundizzjonijiet speċifiċi stabbiliti fl-awtorizzazzjonijiet tas-sajd individwali. Dawn il-miżuri ta' kontroll u monitoraġġ jiżguraw li s-sistema tiġi implimentata bis-sħiħ u b'mod partikolari li f'waqt partikolari ma jitħallewx joperaw aktar minn 15-il bastiment tat-tkarkir bit-travu li jużaw l-impulsi elettriċi.

Fl-opinjoni tal-Kummissjoni, is-sistema tippermetti konformità sħiħa mal-limitu ta' 5 % previst fl-Anness V, il-parti D tar-Regolament (UE) 2019/1241.

Skont l-ilmentaturi, l-interpretazzjoni tas-servizzi tal-Kummissjoni dwar ir-regoli rilevanti tal-UE hija żbaljata għax, li kieku kienet korretta, dawn ir-regoli kienu jkunu abbozzati b'tali mod li jindikaw speċifikament li l-limitu ta' 5 % japplika għall-massimu tal-flotta tat-tkarkir bit-travu li tuża l-impulsi elettriċi fl-istess ħin.

Is-servizzi tal-Kummissjoni jfakkru li r-regola inkwistjoni tipprevedi li "mhux aktar minn 5 % tal-flotta tat-tkarkir bit-travu għal kull Stat Membru tuża x-xbieki tat-tkarkir bl-impuls elettriku" (il-punt 2(a) tal-Anness V, il-parti D). Il-kliem tad-dispożizzjoni jirreferi b'mod espliċitu għall-użu tax-xbieki tat-tkarkir bl-impuls elettriku. Barra minn hekk, mill-qari tal-premessi (11) u (12) tar-Regolament 2019/1241, jista' jiġi inferit li l-għan ta' din id-dispożizzjoni huwa li jiġi limitat l-użu ta' dak li l-leġiżlaturi qiesu bħala "rkaptu jew metodi tas-sajd distruttivi", biex b'hekk tiġi żgurata l-protezzjoni

tar-riżorsi bijoloġiċi tal-baħar. B'konsegwenza għal dan, l-għan tad-dispożizzjoni huwa li jiġi limitat l-effett tal-użu tal-irkaptu tal-impulsi elettriċi fuq ir-riżorsi bijoloġiċi tal-baħar, irrispettivament minn kemm-il bastiment ikun mgħammar b'dan l-irkaptu. Bastimenti mgħammra bl-impulsi elettriċi iżda mhux awtorizzati li jużawhom ma għandhom l-ebda impatt fuq ir-riżorsi bijoloġiċi tal-baħar. Dak li fil-fatt jgħodd huwa li ma jitħallewx aktar minn 5 % tal-bastimenti tat-tkarkir bit-travu jużaw l-impulsi elettriċi f'waqt partikolari.

Għar-raġunijiet mogħtija hawn fuq, il-Kummissjoni tqis li l-interpretazzjoni tagħha ta' dawn id-dispożizzjonijiet mhux biss ma tikkontradix il-formulazzjoni tar-Regolament, iżda hija konformi mal-intenzjoni tal-leġislaturi.

B'konsegwenza ta' dan, fid-dawl tal-miżuri adottati min-Netherlands u tal-evidenza pprovduta li turi li dawk il-miżuri qegħdin jiġu attwalment implimentati bis-sħiħ, il-Kummissjoni kkonkludiet li ma hemmx lok biex dan il-każ ikompli jiġi segwit u li jenħtiegħ li dan il-każ jingħalaq.

Madankollu, jekk l-ilmentaturi jkollhom xi informazzjoni ġdida li tissuġġerixxi li n-Netherlands wettqet ksur tal-liġi tal-Unjoni li ma jkunx kopert mill-valutazzjoni ta' hawn fuq u li jista' jiġġustifika eżami ulterjuri tal-ilment, huma mistiedna jippreżentaw din l-informazzjoni ġdida lill-Kummissjoni Ewropea fi żmien erba' ġimgħat mill-pubblikazzjoni ta' dan l-avviż formali. Jekk ma tasal l-ebda informazzjoni ġdida fi żmien erba' ġimgħat, jew jekk l-informazzjoni ġdida li tasal ma twassalx għal konklużjoni differenti, il-Kummissjoni tkun tista' tagħlaq il-każ.